**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2022/0402(CNS)**

10.10.2023

# OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, id-dritt applikabbli, ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur u l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur
(COM(2022)0695 – C9-0002/2023 – 2022/0402(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Malin Björk

PA_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Bħalissa, ma hemm l-ebda mekkaniżmu tal-UE għar-rikonoxximent reċiproku tal-istat ta' ġenitur legali f'sitwazzjonijiet transfruntiera fl-UE, u xi ġenituri u tfal jistgħu jaraw ir-rabtiet legali tagħhom xolti jekk jiċċaqilqu f'pajjiż ieħor tal-UE. Dan jaffettwa b'mod sproporzjonat lill-familji qawsalla.

*Konsegwenzi legali u emozzjonali*

In-nuqqas ta' rikonoxximent ta' stat ta' ġenitur stabbilit jista' jwassal biex ġenitur jitlef id-drittijiet tiegħu ta' ġenitur li jaġixxi, bħala r-rappreżentant legali tal-wild tiegħu fi kwistjonijiet bħall-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni. Dan jista' jwassal ukoll għal problemi ta' manteniment, wirt, u fl-aħħar mill-aħħar, li t-tfal ma jingħataw l-ebda ċittadinanza.

Il-konsegwenzi emozzjonali tat-telf tar-rabtiet familjari ma għandhomx jitqiesu bħala mhux importanti. Dan lit-tfal itihom x'jifhmu li jistgħu jitilfu l-ġenituri tagħhom, mil-lat ġuridiku, meta jidħlu fi Stat Membru ieħor. Dan mhuwiex aċċettabbli.

*Id-drittijiet fundamentali, il-libertà tal-moviment u drittijiet oħra*

In-nuqqas ta' miżuri tal-UE biex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur bejn l-Istati Membri jwassal għal sitwazzjonijiet li jiksru d-drittijiet fundamentali u drittijiet oħra ta' tfal u familji f'sitwazzjonijiet transfruntiera.

Li t-tfal jiġu mċaħħda mill-istatus legali tagħhom u mill-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru ieħor imur kontra d-drittijiet tal-wild għal identità, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, kif ukoll kontra l-aħjar interessi tal-wild.

In-nuqqas ta' rikonoxximent ifixkel id-dritt għal-libertà tal-moviment. Il-biża' li jintilef stat ta' ġenitur stabbilit tillimita l-familji milli jivvjaġġaw fl-UE jew milli jmorru jirrisjedu fi Stat Membru ieħor.

*Ir-rikonoxximent tal-ġenituri LGBTQI*

L-effetti tar-rifjut tar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntiera huma partikolarment severi għall-familji qawsalla. Madwar 100 000 ġenitur flimkien ma' wliedhom bħalissa qed jiffaċċjaw problemi – il-maġġoranza l-kbira tagħhom huma tfal f'familji qawsalla. In-numru ta' tfal affettwati probabbilment huwa ferm ogħla, peress li l-familji f'riskju li ma jiġux rikonoxxuti jistgħu jagħżlu li ma jeżerċitawx id-dritt tagħhom għal-libertà tal-moviment minħabba l-biża' li jitilfu r-rabtiet familjari legali tagħhom.

Din mhijiex sitwazzjoni aċċettabbli. It-tfal u l-ġenituri kollha għandhom, mingħajr diskriminazzjoni, ikollhom l-istess drittijiet. Għal koppji tal-istess sess bit-tfal, ir-rikonoxximent transfruntier tal-istat ta' ġenitur jagħmel id-differenza kollha peress li l-filjazzjoni jkollha tiġi rispettata dejjem fl-UE.

*Ir-rikonoxximent tar-rabtiet familjari, inklużi sħubija u żwieġ - fl-aħjar interessi tal-wild*

Hekk kif ġenitur huwa ġenitur irrispettivament minn dak li jiddikjara l-qafas legali tal-Istati

Membri, familja hija familja anke f'pajjiżi fejn l-istatus legali għal koppji tal-istess sess għadu nieqes.

Għalhekk, sabiex jiġi rispettat bis-sħiħ id-dritt tat-tfal għal familja u l-aħjar interessi tal-wild, huwa importanti li jiġu rispettati u rikonoxxuti mhux biss ir-rabtiet legali tat-tfal mal-ġenituri iżda wkoll is-sħubija u ż-żwieġ tal-ġenituri. Fid-dawl ta' dan, ir-regolament propost dwar ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur bejn l-Istati Membri għandu jiġi estiż biex jinkludi wkoll regoli dwar ir-rikonoxximent ta' sħubija u żwieġ.

*Ir-rispett u r-rikonoxximent ta' tipi differenti ta' familji*

Hemm ukoll familji oħra li ma jaqgħux taħt in-norma tradizzjonali ta' familja nukleari, li għandhom aktar diffikultajiet biex jiġu rikonoxxuti. Dan huwa partikolarment minnu għall-familji b'aktar minn żewġ ġenituri. Għalkemm bħalissa ftit Stati Membri biss fetħu l-possibbiltà legali ta' diversi ġenituri bl-istat ta' ġenitur, dan żgur li se jkun il-każ fil-futur. Għalhekk huwa importanti li r-regolament, diġà mill-bidu nett, ikun flessibbli u jippermetti kostellazzjonijiet ta' familji mhux tradizzjonali, inkluż biex jiġi żgurat li ċ-ċertifikat Ewropew tal-istat ta' ġenitur jinkludi l-possibbiltà għal aktar minn żewġ ġenituri.

*Il-pajjiżi terzi u l-kwistjoni tal-industrija tal-maternità surrogata*

Ir-regolament propost ma jirregolax jew ma jistabbilixxi l-ebda salvagwardja biex jiggarantixxi li d-drittijiet fundamentali tan-nisa, tal-ġenituri u tat-tfal jiġu rispettati meta l-istat ta' ġenitur jiġi stabbilit f'pajjiż terz. Bħala prekawzjoni meħtieġa biex jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet fundamentali, huwa għalhekk koerenti li dan ir-regolament ma jiftaħx il-possibbiltà ta' rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur stabbilit f'pajjiżi terzi.

Fir-rigward tal-kwistjoni speċifika tal-maternità surrogata, huwa ċar li l-industrija tal-maternità surrogata stabbilita f'xi pajjiżi terzi tikkummerċjalizza lin-nisa u tqishom bħala komodità. L-industrija tal-maternità surrogata tmur tajjeb f'sistema fejn persuni ekonomikament privileġġati jużaw nisa żvantaġġati minn partijiet oħra tad-dinja. Dan jikkostitwixxi forma ta' sfruttament tad-drittijiet u tal-organi riproduttivi tan-nisa. Barra minn hekk, minn din il-perspettiva, huwa importanti li r-regolament ikun limitat għar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur fl-UE, u mhux minn pajjiż terz.

L-Istati Membri tal-UE diġà huma meħtieġa, skont il-ġurisprudenza tal-QEDB, f'ċerti ċirkostanzi, jirrikonoxxu r-relazzjoni bejn it-tfal imwielda minn maternità surrogata u l-ġenituri intenzjonati tagħhom. Filwaqt li jiġi ssimplifikat ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur bejn l-Istati Membri, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li ma jinħolqux inċentivi għas-suq tal-maternità surrogata. Madankollu, dan ir-regolament mhuwiex qed jirregola l-maternità surrogata, li taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri.

## EMENDA

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport:

**Emenda 1**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 81(3) tat-TFUE, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi li l-aspetti tal-liġi tal-familja li għandhom implikazzjonijiet transfruntiera, tista' tiġi adottata f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja. F'dan ir-rigward, il-Parlament Ewropew enfasizza l-importanza li wieħed jgħaddi għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja u għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata f'oqsma relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni, inkluż permezz tal-attivazzjoni tal-klawżola passerelle settorjali dwar il-liġi tal-familja b'implikazzjonijiet transfruntiera (l-Artikolu 81(3), it-tieni subparagrafu, tat-TFUE)[1a];*** |
| | ***[1a] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Lulju 2023 dwar l-implimentazzjoni tal-klawżoli passerelle fit-Trattati tal-UE (2022/2142(INI))*** |

**Emenda 2**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Filwaqt li l-Unjoni għandha l-kompetenza li tadotta miżuri dwar id-dritt tal-familja b'implikazzjonijiet transfruntieri bħar-regoli dwar il-ġurisdizzjoni internazzjonali, id-dritt applikabbli u r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur bejn l-Istati Membri, sal-lum l-Unjoni ma adottat l-ebda dispożizzjoni f'dawn l-oqsma fir-rigward tal-istat ta' ġenitur. Id-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri li bħalissa huma applikabbli f'dawn l-oqsma jvarjaw. | (8) Filwaqt li l-Unjoni għandha l-kompetenza li tadotta miżuri dwar id-dritt tal-familja b'implikazzjonijiet transfruntieri bħar-regoli dwar il-ġurisdizzjoni internazzjonali, id-dritt applikabbli u r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur bejn l-Istati Membri, sal-lum l-Unjoni ma adottat l-ebda dispożizzjoni f'dawn l-oqsma fir-rigward tal-istat ta' ġenitur. Id-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri li bħalissa huma applikabbli f'dawn l-oqsma jvarjaw. ***Sabiex tiżdied is-*** |

***sikurezza tat-tfal u biex ikun aktar faċli għall-familji biex jgħixu fl-UE, huwa importanti li l-Unjoni tadotta regolamenti li jagħmlu l-istat ta' ġenitur legali bejn il-fruntieri nazzjonali bħala prerekwiżit għall-ugwaljanza.***

**Emenda 3**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Skont l-Artikolu 21 tat-TFUE u l-leġiżlazzjoni sekondarja relatata miegħu kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rispett tal-identità nazzjonali ta' Stat Membru skont l-Artikolu 4(2) tat-TFUE u l-ordni pubbliku ta' Stat Membru ma jistgħux iservu bħala ġustifikazzjoni biex jirrifjutaw li jirrikonoxxu filjazzjoni bejn it-tfal u l-ġenituri tal-istess sess ***tagħhom*** għall-finijiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet li wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet, il-prova tal-istat ta' ġenitur tista' tiġi ppreżentata bi kwalunkwe mezz. Għalhekk, Stat Membru ma huwiex intitolat li jirrikjedi li persuna tippreżenta l-attestazzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament li jakkumpanjaw deċiżjoni tal-qorti jew strument awtentiku dwar l-istat ta' ġenitur, jew iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur maħluq minn dan ir-Regolament, fejn il-persuna tinvoka, fil-kuntest tal-eżerċizzju tad-dritt għall-moviment liberu, drittijiet li wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni. Madankollu, dan jenħtieġ li ma jipprevjenix lil persuna milli tagħżel li tippreżenta f'każijiet bħal dawn ukoll l-attestazzjoni rilevanti jew iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur previst f'dan ir-Regolament. Sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom ikunu infurmati li d-drittijiet li wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni ma humiex affettwati minn dan ir-Regolament, il-forom tal-attestazzjonijiet u | (14) Skont l-Artikolu 21 tat-TFUE u l-leġiżlazzjoni sekondarja relatata miegħu kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rispett tal-identità nazzjonali ta' Stat Membru skont l-Artikolu 4(2) tat-TFUE u l-ordni pubbliku ta' Stat Membru ma jistgħux iservu bħala ġustifikazzjoni biex jirrifjutaw li jirrikonoxxu filjazzjoni bejn it-tfal u l-ġenituri ***jekk tikkonċernax ġenituri*** tal-istess sess***, ġenituri transġeneru, ġenitur waħdu jew diversi ġenituri,*** għall-finijiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet li wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni***. Il-protezzjoni tal-interessi tal-wild jenħtieġ li tipprevali fuq kunsiderazzjonijiet ta' identità nazzjonali u ordni pubbliku, sabiex il-wild ikun jista' jgħix f'familja stabbli u rikonoxxuta ħielsa minn kwalunkwe stigma, anke mill-lat legali***. Barra minn hekk, għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet, il-prova tal-istat ta' ġenitur tista' tiġi ppreżentata bi kwalunkwe mezz[52]. Għalhekk, Stat Membru ma huwiex intitolat li jirrikjedi li persuna tippreżenta l-attestazzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament li jakkumpanjaw deċiżjoni tal-qorti jew strument awtentiku dwar l-istat ta' ġenitur, jew iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur maħluq minn dan ir-Regolament, fejn il-persuna tinvoka, fil-kuntest tal-eżerċizzju tad-dritt għall-moviment liberu, drittijiet li wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni. Madankollu, dan jenħtieġ li ma jipprevjenix lil persuna milli tagħżel li |

taċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur anness ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludu dikjarazzjoni li tispeċifika li l-attestazzjoni rilevanti jew iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur ma jaffettwax id-drittijiet li wild igawdi minnhom skont d-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari, id-drittijiet li wild igawdi skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-moviment liberu, u li, għall-eżerċizzju ta' tali drittijiet, il-prova tal-filjazzjoni tista' tiġi ppreżentata bi kwalunkwe mezz.

[52] Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Lulju 2002, C-459/99,MRAX, ECLI:EU:C:2002:461, il-punti 61 u 62, u tas-17 ta' Frar 2005, C-215/03,Oulane, ECLI:EU:C:2005:95, il-punti 23 sa 26.

tippreżenta f'każijiet bħal dawn ukoll l-attestazzjoni rilevanti jew iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur previst f'dan ir-Regolament. Sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom ikunu infurmati li d-drittijiet li wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni ma humiex affettwati minn dan ir-Regolament, il-forom tal-attestazzjonijiet u taċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur anness ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludu dikjarazzjoni li tispeċifika li l-attestazzjoni rilevanti jew iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur ma jaffettwax id-drittijiet li wild igawdi minnhom skont d-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari, id-drittijiet li wild igawdi skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-moviment liberu, u li, għall-eżerċizzju ta' tali drittijiet, il-prova tal-filjazzjoni tista' tiġi ppreżentata bi kwalunkwe mezz.

[52] Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Lulju 2002, C-459/99,MRAX, ECLI:EU:C:2002:461, il-punti 61 u 62, u tas-17 ta' Frar 2005, C-215/03,Oulane, ECLI:EU:C:2005:95, il-punti 23 sa 26.

**Emenda 4**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 17a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a) L-aħjar interessi tal-wild jenħtieġ li jipprevalu dejjem. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddikjarat espressament li l-aħjar interessi tat-tfal inaqqsu l-marġni ta' apprezzament tal-Istati Partijiet fir-rikonoxximent tar-relazzjoni bejn wild u ġenitur[1a], u li dan jinvolvi l-identifikazzjoni legali tal-persuni responsabbli għat-trobbija tagħhom, l-issodisfar tal-ħtiġijiet tagħhom u l-iżgurar tal-benessri tagħhom, kif ukoll il-possibbiltà li t-tfal jgħixu u jiżviluppaw f'ambjent stabbli[2a]. Skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni*** |

***Ewropea u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, it-tfal għandhom id-dritt għall-ħajja privata u tal-familja. Sabiex jiġi rispettat bis-sħiħ id-dritt għall-ħajja privata u tal-familja tal-wild, u l-aħjar interessi tal-wild, huwa importanti li jiġu rrispettati u rikonoxxuti mhux biss ir-rabtiet legali tat-tfal mal-ġenituri iżda wkoll is-sħubija u ż-żwieġ tal-ġenituri, b'tali mod li jiggarantixxi d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja. Għalhekk, iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' Ġenitur jenħtieġ li jinkludi, fuq talba tal-ġenituri rikonoxxuti legalment, ir-relazzjoni bejniethom, inklużi s-sħubija rreġistrata u ż-żwieġ.***

---

*[1a] QEDB, Sentenza tat-22.11.2022 [Taqsima III], D.B. u Oħrajn vs l-Iżvizzera - 58252/15 u 58817/15*

*[2a] QEDB, 10.4.2019 [GC], Opinjoni konsultattiva mitluba mill-Qorti tal-Appell Franċiża.*

**Emenda 5**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet internazzjonali u d-dritt tal-Unjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżgura li t-tfal igawdu d-drittijiet tagħhom u jżommu l-istatus legali tagħhom f'sitwazzjonijiet transfruntieri mingħajr diskriminazzjoni. Għal dak il-għan, u fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, inkluż dwar il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri r-rikonoxximent fi Stat Membru tal-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru ieħor irrispettivament minn kif il-wild tnissel jew twieled u irrispettivament mit-tip ta' | (21) F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet internazzjonali u d-dritt tal-Unjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżgura li t-tfal igawdu d-drittijiet tagħhom u jżommu l-istatus legali tagħhom f'sitwazzjonijiet transfruntiera mingħajr diskriminazzjoni***, abbażi, fost affarijiet oħra, tal-formazzjoni tal-familji tagħhom***. Għal dak il-għan, u fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, inkluż dwar il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri r-rikonoxximent fi Stat Membru tal-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru ieħor irrispettivament minn kif il- |

familja tal-wild, u inkluża l-adozzjoni domestika. Għalhekk, soġġett għall-applikazzjoni tar-regoli dwar id-dritt applikabbli ta' dan ir-Regolament, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri r-rikonoxximent fi Stat Membru tal-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru ieħor ta' wild b'ġenituri tal-istess sess. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri wkoll ir-rikonoxximent fi Stat Membru tal-istat ta' ġenitur ta' wild adottat domestikament fi Stat Membru ieħor skont ir-regoli li jirregolaw l-adozzjoni domestika f'dak l-Istat Membru.

wild tnissel jew twieled u irrispettivament mit-tip ta' familja tal-wild, u inkluża l-adozzjoni domestika ***jew internazzjonali***. Għalhekk, soġġett għall-applikazzjoni tar-regoli dwar id-dritt applikabbli ta' dan ir-Regolament, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri r-rikonoxximent fi Stat Membru tal-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru ieħor ta' wild b'ġenituri tal-istess sess***, ta' wild b'ġenitur transġeneru, ta' wild b'ġenitur waħdu u ta' wild b'diversi ġenituri***. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri wkoll ir-rikonoxximent fi Stat Membru tal-istat ta' ġenitur ta' wild adottat domestikament fi Stat Membru ieħor skont ir-regoli li jirregolaw l-adozzjoni domestika f'dak l-Istat Membru.

**Emenda 6**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-istat ta' ġenitur, imsejjaħ koll filjazzjoni, jista' jkun bijoloġiku, ġenetiku, bl-adozzjoni jew *ex lege*. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-istat ta' ġenitur jenħtieġ li tfisser ***il-filjazzjoni*** stabbilita fid-dritt, u jenħtieġ li tkopri l-istatus legali li wieħed ikun wild ta' ġenitur jew ta' ġenituri partikolari. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri l-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru kemm ta' minorenni kif ukoll ta' adulti, inkluż wild mejjet u wild li jkun għadu ma twelidx, kemm jekk lil ġenitur wieħed, koppja *de facto*, koppja miżżewġa jew koppja f'relazzjoni li, skont id-dritt applikabbli għal tali relazzjoni, għandha effetti komparabbli, bħal sħubija rreġistrata. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika irrispettivament min-nazzjonalità tat-tfal li l-istat ta' ġenitur tagħhom għandu jiġi stabbilit, u irrispettivament min-nazzjonalità tal-ġenituri tal-wild. It-terminu "ġenitur" f'dan ir-Regolament jenħtieġ li | (24) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-istat ta' ġenitur, imsejjaħ koll filjazzjoni, jista' jkun bijoloġiku, ġenetiku, bl-adozzjoni jew *ex lege*. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-istat ta' ġenitur jenħtieġ li tfisser ***relazzjoni bejn wild u ġenitur*** stabbilita fid-dritt, u jenħtieġ li tkopri l-istatus legali li wieħed ikun wild ta' ġenitur jew ta' ġenituri partikolari. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri l-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru kemm ta' minorenni kif ukoll ta' adulti, inkluż wild mejjet u wild li jkun għadu ma twelidx, kemm jekk lil ġenitur wieħed, ***b'diversi ġenituri,*** koppja *de facto*, koppja miżżewġa jew koppja f'relazzjoni li, skont id-dritt applikabbli għal tali relazzjoni, għandha effetti komparabbli, bħal sħubija rreġistrata. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika irrispettivament min-nazzjonalità tat-tfal li l-istat ta' ġenitur tagħhom għandu jiġi stabbilit, u irrispettivament min-nazzjonalità tal-ġenituri tal-wild. ***Jenħtieġ*** |

| | |
|---|---|
| jinftiehem, kif applikabbli, bħala li jirreferi għall-ġenitur legali, il-ġenitur maħsub, il-persuna li tiddikjara li hija ġenitur jew il-persuna li fir-rigward tagħha l-wild jasserixxi l-istat ta' ġenitur. | ***li dan ir-regolament japplika irrispettivament minn kif u f'liema tip ta' familja twieled il-wild.*** It-terminu "ġenitur" f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jinftiehem, kif applikabbli, bħala li jirreferi għall-ġenitur legali, il-ġenitur maħsub, il-persuna li tiddikjara li hija ġenitur jew il-persuna li fir-rigward tagħha l-wild jasserixxi l-istat ta' ġenitur. |

**Emenda 7**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 24a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(24a) Dan ir-Regolament iwitti t-triq għar-rikonoxximent legali tat-tipi kollha ta' familji, irrispettivament mill-formazzjoni tagħhom. In-nuqqas ta' rikonoxximent ta' familji li ma jkunux jikkorrispondu mal-mudell tradizzjonali ta' familja ma jirrispettax l-aħjar interessi tal-wild, peress li jiddiskrimina lit-tfal fuq raġunijiet ta' twelid, imur kontra d-dinjità tal-wild, huwa ta' detriment għall-iżvilupp armonjuż tal-wild u jipprevjeni t-tgawdija effettiva tad-drittijiet fundamentali mit-tfal. Għalhekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li toħroġ proposta li tiggarantixxi r-rikonoxximent reċiproku taż-żwiġijiet u s-sħubijiet reġistrati.*** |

**Emenda 8**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Dan ir-Regolament jenħtieġ li ***ma japplikax*** għal kwistjonijiet ***preliminari*** bħall-eżistenza, il-validità jew ir-rikonoxximent ta' żwieġ jew relazzjoni meqjusa mid-dritt applikabbli għalih bħala li għandha effetti komparabbli, ***li jenħtieġ li jkomplu jkunu rregolati mid-dritt nazzjonali tal-Istati Membri, inklużi r-*** | (30) Dan ir-Regolament jenħtieġ li ***japplika*** għal kwistjonijiet ***inċidentali*** bħall-eżistenza, il-validità jew ir-rikonoxximent ta' żwieġ jew relazzjoni meqjusa mid-dritt applikabbli għalih bħala li għandha effetti komparabbli, ***bħal sħubija rreġistrata***. |

***regoli tagħhom tad-dritt internazzjonali privat u, meta rilevanti, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-moviment liberu***.

**Emenda 9**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 45a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(45a) Jekk l-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur jiddependi fuq id-determinazzjoni ta' kwistjoni inċidentali rigward, pereżempju, l-eżistenza ta' sħubija rreġistrata jew żwieġ, qrati u awtoritajiet kompetenti oħra tal-Istati Membri jenħtieġ li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta, b'mod partikolari d-dritt tan-nondiskriminazzjoni u d-dritt għal ħajja privata u tal-familja, kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-moviment liberu b'mod partikolari s-sentenza tagħha "Il-kawża Coman" (C-673/16), segwita mir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew 2021/2679(RSP), li tgħid li l-Istati Membri kollha jenħtieġ li jirrikonoxxu ż-żwiġijiet bejn persuni tal-istess sess jew sħubijiet reġistrati ffurmati fi Stat Membru ieħor sabiex jiġu rrispettati l-libertà tal-moviment u r-residenza taċ-ċittadini tal-UE.*** |

**Emenda 10**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 49**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (49) ***Jenħtieġ li l-proċedimenti dwar l-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur*** skont dan ir-Regolament, bħala prinċipju bażiku***, jipprovdu lil tfal taħt l-età ta' 18-il sena*** li ***jkunu*** soġġetti għal dawk il-proċedimenti u li ***jkunu*** kapaċi ***jiffurmaw*** il-fehmiet ***tagħhom*** stess***, f'konformità mal-*** | (49) ***F'konformità mal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Artikolu 24(1) tal-Karta, it-tfal kollha għandhom id-dritt li jesprimu l-fehmiet fil-kwistjonijiet kollha li jolqtuhom, u li jkollhom l-opinjonijiet tagħhom, is-sinjali fiżiċi, id-*** |

***ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja,*** b'opportunità ġenwina u effettiva biex ***jesprimu*** l-fehmiet ***tagħhom*** u, meta jivvalutaw l-aħjar interessi tal-wild, jenħtieġ li dawk il-fehmiet jingħataw il-piż dovut. Madankollu, jenħtieġ li r-Regolament iħalli f'idejn id-dritt u l-proċedura nazzjonali tal-Istati Membri biex jiġi ddeterminat min se jisma' lill-wild u kif il-wild għandu jinstema'. Barra minn hekk, filwaqt li jibqa' dritt tal-wild, is-smigħ tal-wild jenħtieġ li ma jikkostitwix obbligu assolut għalkemm jenħtieġ li jiġi vvalutat filwaqt li jitqiesu l-aħjar interessi tal-wild.

***dikjarazzjonijiet jew l-imġieba meqjusa u meħuda bis-serjetà. Fil-proċedimenti*** skont dan ir-Regolament, bħala prinċipju bażiku ***u fejn applikabbli, wild*** li ***jkun*** soġġetti għal dawk il-proċedimenti u li ***jkun*** kapaċi ***jifforma l-fehmiet tiegħu*** stess, ***jenħtieġ li jiġi pprovdut*** b'opportunità ġenwina u effettiva biex ***jesprimi*** l-fehmiet ***tiegħu*** u, meta jivvalutaw l-aħjar interessi tal-wild, jenħtieġ li dawk il-fehmiet jingħataw il-piż dovut. Madankollu, jenħtieġ li r-Regolament iħalli f'idejn id-dritt u l-proċedura nazzjonali tal-Istati Membri biex jiġi ddeterminat min se jisma' lill-wild u kif il-wild għandu jinstema'. Barra minn hekk, filwaqt li jibqa' dritt tal-wild, is-smigħ tal-wild jenħtieġ li ma jikkostitwix obbligu assolut għalkemm jenħtieġ li jiġi vvalutat filwaqt li jitqiesu l-aħjar interessi tal-wild.

**Emenda 11**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 56**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (56) ***F'ċirkustanzi eċċezzjonali, kunsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku jenħtieġ li jippermettu lill-qrati u lill-awtoritajiet kompetenti oħra li jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur fl-Istati Membri, jinjoraw ċerti dispożizzjonijiet ta' liġi barranija fejn, f'każ partikolari, l-applikazzjoni ta' tali dispożizzjonijiet tkun manifestament inkompatibbli mal-ordni pubbliku tal-Istat Membru kkonċernat. Madankollu,*** il-qrati jew awtoritajiet kompetenti oħra jenħtieġ li ma jkunux jistgħu japplikaw ***l-eċċezzjoni*** tal-ordni pubbliku biex iwarrbu d-dritt ta' Stat ieħor meta dan ikun kontra l-Karta u, b'mod partikolari, l-Artikolu 21 tagħha, li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni. | (56) Il-qrati jew awtoritajiet kompetenti oħra jenħtieġ li ma jkunux jistgħu japplikaw ***eċċezzjoni*** tal-ordni pubbliku biex iwarrbu d-dritt ta' Stat ieħor meta dan ikun kontra l-Karta u, b'mod partikolari, l-Artikolu 21 tagħha, li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni. |

**Emenda 12**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 66**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (66) ***Għalkemm l-obbligu li t-tfal taħt it-18-il sena jingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom skont dan ir-Regolament jenħtieġ li ma japplikax għal strumenti awtentiċi b'effett legali vinkolanti,*** id-dritt ***tat-tfal*** li ***jesprimu*** l-fehmiet ***tagħhom madankollu*** jenħtieġ li jkun ikkunsidrat skont l-Artikolu 24 tal-Karta u fid-dawl tal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal kif implimentata mid-dritt u l-proċedura nazzjonali. Il-fatt li ***t-tfal*** ma ***ngħatawx*** l-opportunità li ***jesprimu*** l-fehmiet ***tagħhom*** jenħtieġ li ma jkunx awtomatikament raġuni għar-rifjut tar-rikonoxximent ta' strumenti awtentiċi b'effett legali vinkolanti. | (66) Id-dritt ***ta' wild*** li ***jesprimi*** l-fehmiet ***tiegħu madankollu*** jenħtieġ li jkun ikkunsidrat skont l-Artikolu 24 tal-Karta u fid-dawl tal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal kif implimentata mid-dritt u l-proċedura nazzjonali ***u anke fir-rigward ta' strumenti awtentiċi b'effett legali vinkolanti***. ***Madankollu,*** il-fatt li ***wild huwa inqas mill-età ta' 18-il sena*** ma ***jingħatax*** l-opportunità li ***jesprimi*** l-fehmiet ***tiegħu*** jenħtieġ li ma jkunx awtomatikament raġuni għar-rifjut tar-rikonoxximent ta' strumenti awtentiċi b'effett legali vinkolanti. |

**Emenda 13**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 67**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(67) Ir-rikonoxximent fi Stat Membru skont dan ir-Regolament ta' deċiżjoni tal-qorti li tistabbilixxi l-istat ta' ġenitur mogħtija fi Stat Membru ieħor, jew ta' strument awtentiku li jistabbilixxi l-istat ta' ġenitur b'effett legali vinkolanti mfassal jew irreġistrat fi Stat Membru ieħor, jenħtieġ li ma jimplikax ir-rikonoxximent taż-żwieġ jew tas-sħubija reġistrata possibbli tal-ġenituri tal-wild li l-istat ta' ġenitur tiegħu jkun ġie stabbilit jew għandu jiġi stabbilit.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 14**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 75**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (75) ***Il-kunsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku jenħtieġ li jippermettu lill-qrati tal-Istati Membri jew lil awtoritajiet kompetenti oħra jirrifjutaw, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, li jirrikonoxxu jew, skont il-każ, jaċċettaw deċiżjoni tal-qorti jew strument awtentiku dwar l-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru ieħor fejn, f'każ partikolari, tali rikonoxximent jew aċċettazzjoni tkun manifestament inkompatibbli mal-ordni pubbliku tal-Istat Membru kkonċernat. Madankollu,*** il-qrati jew awtoritajiet kompetenti oħra jenħtieġ li ma jkunu jistgħu jirrifjutaw li jirrikonoxxu jew, skont il-każ, jaċċettaw deċiżjoni tal-qorti jew strument awtentiku maħruġ fi Stat Membru ieħor meta jekk jagħmlu dan ikun kontra l-Karta u, b'mod partikolari, l-Artikolu 21 tagħha, li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni. | (75) Il-qrati jew awtoritajiet kompetenti oħra jenħtieġ li ma jkunu jistgħu jirrifjutaw li jirrikonoxxu jew, skont il-każ, jaċċettaw deċiżjoni tal-qorti jew strument awtentiku maħruġ fi Stat Membru ieħor meta jekk jagħmlu dan ikun kontra l-Karta u, b'mod partikolari, l-Artikolu 21 tagħha, li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni. |

**Emenda 15**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 76**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (76) Sabiex ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru jiġi solvut malajr, mingħajr xkiel u b'mod effiċjenti, jenħtieġ li t-tfal jew il-ġenitur(i) tagħhom ikunu jistgħu juru faċilment l-istatus tat-tfal fi Stat Membru ieħor. Biex huma jkunu jistgħu jagħmlu dan, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi għall-ħolqien ta' ċertifikat uniformi, iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur, li jinħareġ għall-użu fi Stat Membru ieħor. Sabiex jitħares il-prinċipju tas-sussidjarjetà, iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur jenħtieġ li ma ***jiħux*** il-post ta' dokumenti interni li jistgħu jeżistu għal finijiet simili fl-Istati Membri. | (76) Sabiex ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur stabbilit fi Stat Membru jiġi solvut malajr, mingħajr xkiel u b'mod effiċjenti, jenħtieġ li t-tfal jew il-ġenitur(i) tagħhom ikunu jistgħu juru faċilment l-istatus tat-tfal fi Stat Membru ieħor***. Huwa pass importanti biex titnaqqas il-burokrazija u jiżdied l-aċċess għall-moviment liberu fl-Unjoni Ewropea bħala mezz ta' promozzjoni tal-ugwaljanza***. Biex huma jkunu jistgħu jagħmlu dan, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi għall-ħolqien ta' ċertifikat uniformi, iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur, li jinħareġ għall-użu fi Stat Membru ieħor. Sabiex jitħares il-prinċipju tas-sussidjarjetà, iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur jenħtieġ li ma ***jissostitwixxix*** il-post ta' dokumenti interni li jistgħu jeżistu għal |

finijiet simili fl-Istati Membri.

**Emenda 16**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 81**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (81) Il-qorti jew awtorità kompetenti oħra jenħtieġ li toħroġ iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur ***meta mitluba tagħmel dan***. L-oriġinal taċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur jenħtieġ li jibqa' f'idejn l-awtorità emittenti, li jenħtieġ li toħroġ kopja ċċertifikata waħda jew aktar taċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur lill-applikant jew lil rappreżentant legali. Minħabba l-istabbiltà tal-istatus tal-istat ta' ġenitur fil-maġġoranza l-kbira tal-każijiet, il-validità tal-kopji taċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur jenħtieġ li ma tkunx limitata fiż-żmien, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jiġi rrettifikat, immodifikat, sospiż jew irtirat iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur kif meħtieġ. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi rimedju kontra deċiżjonijiet tal-awtorità emittenti, inklużi deċiżjonijiet li jirrifjutaw il-ħruġ ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur. Meta ċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur jiġi rrettifikat, modifikat jew irtirat, l-awtorità emittenti għandha tinforma lill-persuni li għalihom ikunu ħarġu kopji ċertifikati biex jiġi evitat użu żbaljat ta' tali kopji. | (81) Il-qorti jew awtorità kompetenti oħra jenħtieġ li toħroġ iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur ***fuq talba tal-applikant jew, fejn applikabbli, rappreżentat legali tal-applikant***. L-oriġinal taċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur jenħtieġ li jibqa' f'idejn l-awtorità emittenti, li jenħtieġ li toħroġ kopja ċċertifikata waħda jew aktar taċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur lill-applikant jew lil rappreżentant legali. Minħabba l-istabbiltà tal-istatus tal-istat ta' ġenitur fil-maġġoranza l-kbira tal-każijiet, il-validità tal-kopji taċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur jenħtieġ li ma tkunx limitata fiż-żmien, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jiġi rrettifikat, immodifikat, sospiż jew irtirat iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur kif meħtieġ. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi rimedju kontra deċiżjonijiet tal-awtorità emittenti, inklużi deċiżjonijiet li jirrifjutaw il-ħruġ ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur. Meta ċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur jiġi rrettifikat, modifikat jew irtirat, l-awtorità emittenti għandha tinforma lill-persuni li għalihom ikunu ħarġu kopji ċertifikati biex jiġi evitat użu żbaljat ta' tali kopji. |

**Emenda 17**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 83**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (83) Il-punt Ewropew ta' aċċess elettroniku jenħtieġ li jippermetti ***lill-persuni fiżiċi*** jew lir-rappreżentanti legali | (83) Il-punt Ewropew ta' aċċess elettroniku jenħtieġ li jippermetti ***lill-applikanti*** jew lir-rappreżentanti legali |

tagħhom li jniedu talba għal Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur u li jirċievu u jibagħtu dak iċ-Ċertifikat b'mod elettroniku. Dan jenħtieġ li jippermettilhom ukoll li jikkomunikaw b'mod elettroniku mal-qrati tal-Istati Membri jew ma' awtoritajiet kompetenti oħra fi proċedimenti ***għal deċiżjoni li ma hemm l-ebda raġuni għar-rifjut tar-rikonoxximent ta' deċiżjoni tal-qorti jew ta' strument awtentiku dwar l-istat ta' ġenitur, jew proċedimenti għar-rifjut tar-rikonoxximent ta' deċiżjoni tal-qorti jew ta' strument awtentiku dwar l-istat ta' ġenitur***. Il-qrati tal-Istati Membri jew awtoritajiet kompetenti oħra jenħtieġ li jikkomunikaw maċ-ċittadini permezz tal-punt ta' aċċess elettroniku Ewropew biss meta ċ-ċittadin ikun ta kunsens espliċitu minn qabel għall-użu ta' dan il-mezz ta' komunikazzjoni.

tagħhom li jniedu talba għal Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur u li jirċievu u jibagħtu dak iċ-Ċertifikat b'mod elettroniku. Dan jenħtieġ li jippermettilhom ukoll li jikkomunikaw b'mod elettroniku mal-qrati tal-Istati Membri jew ma' awtoritajiet kompetenti oħra fi proċedimenti ***skont dan ir-Regolament***. Il-qrati tal-Istati Membri jew awtoritajiet kompetenti oħra jenħtieġ li jikkomunikaw maċ-ċittadini permezz tal-punt ta' aċċess elettroniku Ewropew biss meta ċ-ċittadin ikun ta kunsens espliċitu minn qabel għall-użu ta' dan il-mezz ta' komunikazzjoni.

**Emenda 18**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 89a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(89a) Sabiex jittejbu ċ-ċarezza tal-istrument u l-prevedibbiltà tal-eżitu ta' każijiet u xenarji fejn dan se japplika, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa linji gwida dwar l-applikazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament, maħruġa f'lingwaġġ sempliċi sabiex l-istrument isir aktar aċċessibbli għall-familji u b'mod ġenerali għall-pubbliku li ma jkollu ebda għarfien legali speċjali.*** |

**Emenda 19**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 89 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(89b) Sabiex jittejbu ċ-ċarezza tal-istrument u l-prevedibbiltà tal-eżitu ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***każijiet u xenarji fejn dan se japplika, l-Istati Membri, appoġġati mill-Kummissjoni u n-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju, jenħtieġ li jorganizzaw taħriġ għall-imħallfin u l-awtoritajiet tal-istat rilevanti biex jiżguraw l-implimentazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 20**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 99a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(99a) Fid-dawl tal-fatt li l-panorama legali attwali b'mod partikolari taffettwa l-familji qawsalla kif ukoll tipi oħra ta' familji li ma jkunux jikkorrispondu mal-mudell ta' familja nukleari tradizzjonali, hemm il-ħtieġa urġenti li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ. Għalhekk, fil-każ li ma jintlaħaqx ftehim, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra li tipproponi leġiżlazzjoni abbażi tal-Artikolu 21(2) tat-TFUE, jew inkella, għandhom jiġu żviluppati possibbiltajiet oħra, bħall-kooperazzjoni msaħħa.*** |

**Emenda 21**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli komuni dwar il-ġuriżdizzjoni u d-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur fi Stat Membru f'sitwazzjonijiet transfruntieri; regoli komuni għar-rikonoxximent jew, skont il-każ, l-aċċettazzjoni fi Stat Membru ta' deċiżjonijiet tal-qorti dwar l-istat ta' ġenitur mogħtija, u strumenti awtentiċi dwar l-istat ta' ġenitur mfassla jew irreġistrati, fi Stat Membru ieħor; u joħloq | Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli komuni dwar il-ġuriżdizzjoni u d-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur fi Stat Membru f'sitwazzjonijiet transfruntieri; regoli komuni għar-rikonoxximent ***reċiproku*** jew, skont il-każ, l-aċċettazzjoni fi Stat Membru ta' deċiżjonijiet tal-qorti dwar l-istat ta' ġenitur mogħtija, u strumenti awtentiċi dwar l-istat ta' ġenitur mfassla jew irreġistrati, fi Stat Membru ieħor; u joħloq Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur**,** |

| | |
|---|---|
| Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' ġenitur. | ***b'mod partikolari biex jippromwovi l-moviment liberu, in-nondiskriminazzjoni, ir-rispett għal ħajja privata u tal-familja, l-aħjar interessi tal-wild, kif ukoll il-prinċipju tal-proporzjonalità***. |

Emenda 22
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa d-drittijiet ***li wild jikseb mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-drittijiet li wild igawdi skont id-dritt*** tal-Unjoni dwar il-moviment liberu, inkluża d-Direttiva 2004/38/KE**.** B'mod partikolari, ***dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-limitazzjonijiet relatati mal-użu tal-ordni pubbliku bħala ġustifikazzjoni għar-rifjut tar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur fejn, skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-moviment liberu, l-Istati Membri huma obbligati jirrikonoxxu dokument li jistabbilixxi filjazzjoni maħruġ mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor għall-finijiet ta' drittijiet derivati mid-dritt tal-Unjoni***. | 1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa d-drittijiet ***idderivati mid-dritt*** tal-Unjoni dwar il-moviment liberu, inkluża d-Direttiva 2004/38/KE**,** b'mod partikolari ***d-drittijiet tal-wild***. |

**Emenda 23**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jirrispettaw id-drittijiet li ġejjin mir-relazzjoni bejn il-ġenituri rikonoxxuti legalment, inklużi s-sħubija rreġistrata u ż-żwieġ, fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 24**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) l-eżistenza, il-validità jew ir-rikonoxximent ta' żwieġ jew ta' relazzjoni meqjusa mid-dritt applikabbli għal tali relazzjoni li għandha effetti komparabbli, bħal sħubija rreġistrata;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 25**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(h) in-nazzjonalità;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għar-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet tal-qorti li jistabbilixxu l-istat ta' ġenitur mogħti fi Stat terz jew għar-rikonoxximent jew, skont il-każ, l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi dwar l-istat ta' ġenitur, jew li jagħtu prova tagħhom, imfassla jew irreġistrati fi Stat terz.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 27**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. "stat ta' ġenitur" tfisser ***il-filjazzjoni*** stabbilita fid-dritt. Dan jinkludi l-istatus legali li wieħed ikun il-wild ta' ġenitur jew ta' ġenituri partikolari; | 1. "stat ta' ġenitur" tfisser ***ir-relazzjoni bejn wild u ġenitur*** stabbilita fid-dritt. Dan jinkludi l-istatus legali li wieħed ikun il-wild ta' ġenitur jew ta' ġenituri partikolari; |

**Emenda 28**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-kompetenza tal-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jittrattaw kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur. | Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-kompetenza tal-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jittrattaw kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur ***mingħajr ebda dimensjoni transfruntiera***. |

**Emenda 29**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jekk l-istabbiliment tal-istatus ta' ġenitur ikun jiddependi mid-determinazzjoni ta' kwistjoni inċidentali, il-qrati u awtoritajiet kompetenti oħra tal-Istati Membri għandhom jirrispettaw id-drittijiet u l-prinċipji fundamentali stabbiliti fil-Karta, b'mod partikolari l-Artikolu 21 tagħha dwar id-dritt għan-nondiskriminazzjoni, inklużi obbligi pożittivi u negattivi skont l-Artikolu 7 tal-Karta dwar ir-rispett tal-ħajja privata u tal-familja.*** |

**Emenda 30**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dritt ***tat-tfal*** li ***jesprimu*** l-fehmiet ***tagħhom*** | Dritt ***tal-wild*** li ***jesprimi*** l-fehmiet ***tiegħu*** |

**Emenda 31**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta jeżerċitaw il-ġuriżdizzjoni | 1. Meta jeżerċitaw il-ġuriżdizzjoni |

| | |
|---|---|
| tagħhom skont dan ir-Regolament, il-qrati tal-Istati Membri għandhom, f'konformità mad-dritt u l-proċedura nazzjonali, jipprovdu lil ***tfal*** taħt l-età ta' 18-il sena li ***l-istat ta' ġenitur tagħhom għandu jiġi stabbilit u li huma*** kapaċi ***jiffurmaw il-fehmiet tagħhom*** stess, b'opportunità ġenwina u effettiva biex ***jesprimu*** l-fehmiet ***tagħhom***, jew direttament jew permezz ta' rappreżentant jew korp xieraq. | tagħhom skont dan ir-Regolament, il-qrati tal-Istati Membri għandhom, f'konformità mad-dritt u l-proċedura nazzjonali, jipprovdu lil ***wild*** taħt l-età ta' 18-il sena li ***huwa*** kapaċi ***jifforma l-fehmiet tiegħu*** stess, b'opportunità ġenwina u effettiva biex ***jesprimi*** l-fehmiet ***tiegħu***, jew direttament jew permezz ta' rappreżentant jew korp xieraq. |

**Emenda 32**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta l-qorti, skont id-dritt u l-proċedura nazzjonali, tagħti ***lit-tfal*** taħt l-età ta' 18-il sena l-opportunità li ***jesprimu*** l-fehmiet ***tagħhom*** skont dan l-Artikolu, il-qorti għandha tagħti l-piż dovut lill-fehmiet ***tat-tfal*** skont l-età u l-maturità ***tagħhom***. | 2. Meta l-qorti, skont id-dritt u l-proċedura nazzjonali, tagħti ***lill-wild*** taħt l-età ta' 18-il sena l-opportunità li ***jesprimi*** l-fehmiet ***tiegħu*** skont dan l-Artikolu, il-qorti għandha tagħti l-piż dovut lill-fehmiet***, is-sinjali fiżiċi, id-dikjarazzjonijiet jew l-imġieba tal-wild*** skont l-età u l-maturità ***tiegħu***. |

**Emenda 33**
**Proposta għal regolament**
